MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KEVIN MOMPALAO**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 27/2012

Nadia Vella

Vs

Joseph Camilleri

It-Tribunal:-

Ra l-avviz illi permezz tieghu l-attrici talbet illi tithallas minghand il-konvenut is-somma ta’ elf, erba’ mija u tnejn u tletin Ewro (€1432) raprezentanti nofs l-ispejjez ta’ edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra kurrikulari fir-rigward ta’ binhom il-minuri Eric Camilleri. Dan skond ma’ l-konvenut huwa tenut li jaghmel in forza ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet datat is-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008). Bl-ispejjez kollha komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali spedita f’ Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha ecepixxa illi t-talba odjerna hija intempestiva ghaliex huwa qatt ma gie notifikat b'ittra ufficjali; illi minghajr pregudizzju ghal dan, it-talba attrici hija kkontestata peress illi l-konvenut ma jafx fuqiex qed jintalab il-hlas u kull ricevuta trid tigi verifikata u ppruvata. Il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu ghamel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija minn dan it-tribunal fis-7 ta' Mejju 2012 fl-avviz 11/2011 u nissel xi osservazzjonijiet minn dik is-sentenza; eccepixxa wkoll illi l-attrici l-anqas infurmat lill-konvenut u allura id-decizjonijiet fuq it-tifel kinu unilaterali u mhux konsesnwali.

Ra d-dokumenti kollha esebiti b'mod specjali l-ircevuti esebiti kif ukoll il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet datat l-erbatax ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja.

Sema x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet.

Ra d-digriet tieghu tat-tmintax (18) ta' April ta' l-elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Ilil l-partijiet kienu mizzewgin flimkien u kellhom tifel uniku. L-attrici bdiet tghix fil-gzira ta' Malta filwaqt li l-konvenut baqa' jghix Ghawdex. Jidher illi sfortunatament ir-relazzjoni bejn il-partijiet hija wahda hazina u per konsegwenza il-pika ma hijiex nieqsa. Fuq kollox jidher illi kull wahda mil-partijiet thoss superjorita fuq il-parti l-ohra fil-mod kif ghandu jitrabba t-tifel. Fi kliem iehor il-partijiet xejn ma jigbdu habel wiehed fit-trobbija tat-tfel u spiss jispiccaw fi proceduri gudizzjarji. Agir illi genituri maturi ghandhom jaharbu. Di fatti bi ftit sforz u sens kommun kif ukoll genwinita kawza bhal din ma kellha qatt issir.

Mhux eskluz illi l-omm tiehu decizjonijiet importanti fuq it-tifel minghajr ma tinforma lil missier. Il-missier isir jaf bl-attivita kif appena jircievi l-kont. Dan it-Tribunal ma jhossx illi ma ghandux jikkummenta fuq l-attiviatjiet extra kurrikulari tat-tifel. Kif jirrizulta mis-sentenza gia moghtija minnu f'kawza ohra bejn il-parttijiet fis-7 ta' Mejju 2012 u

mill-provi rakkoltii fil-process gudizzjarju odjern, it-tifel jigi mitlub isegwi ghadd ta’ attiviajiet sportivi u exrtrakurrikulari, biex imbaghad wara ftit zmien ma jkomplix. Fiz-zmien tal-lum fejn it-tfal huma mghobbija sew bl-istudju sa minn eta zghira, kif ukoll b’attivitajiet extrakurrikulari obbligatorji, li wiehed ikollu delizzju extrakurrikulari jew tnejn huwa bzonnjuz; izda minn naha l-ohra ma jistax wiehed jippretendi illi ghandu jiskrivi lil dan il-minuri f’hafna attiviajiet li zgur li l-minuri ser isibha difficli jlahhaq maghhom u li jispaccaw ma jhallu l-ebda frott utili.

Il-maturita ta’ genitur u ghall-anqas ir-rispett jekk mhux lejn il-konjugi, lejn il-minuri jitolbu illi l-omm tinforma lil missier qabel ma’ tiddeciedi li tiskrivi lill-minuri f’xi attivita partikolari, specjalment jekk il-missier ser jintalab ihallas ghall-istess.

Barra minn hekk filwaqt illi l-omm ghandha izzomm lura minn li titlob dak li mhux dovut, il-missier ghandu jkun aktar disponibbli biex ihallas dak li huwa verament dovut u mhux kontestat u mhux jinqeda bi skuzi biex itawwal il-hlas.

Ma huwiex l-kompitu ta’ dan it-Tribunal li jaghti pariri, izda t-Tribunal koxjenzjozament hass illi kellu jaghmel dawn l-osservazzjonijiet, kemm ghal gid tal-partijiet izda b’mod specjali ghal gid suprem tal-minuri.

L-obbligu tal-missier li jikkontribwixxi ghal dawk illi huma spejjes ta’ edukazzjoni,  sahha u attivitajiet extra kurrikolari tirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni innifsu u dwar dan it-Tribunal ma jarax li wiehed b’xi mod jista jikkontesta.

Il-konvenut ecepicca li din il-kawza hija ntempestiva ghaliex ma giex notifikat b’ittra ufficcjali. Din l-eccezzjoni hija wahda frivola, specjalment meta jidher bic-car, anke minn riferti f’dan il-process li l-missier mhux l-ewwel darba li jigi notifikat biss permezz tal-marixxall, bin-notifika bil-posta jkunu ferm difficcli mieghu. Din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Il-konvenut eccepixxa illi l-ircevuti jigi kkonfermati minn min harighom. Dan it-Tribunal ma jarax illi fil-proceduri quddiemu li huma ta' natura spedituza, f'kamp fejn huwa mitlub jiddeciedi skond l-ekwita u fejn huwa ezentat minn l-ahjar prova; huwa ghandu jkun daqshekk rigidu li jistenna lil kull min hareg xi ricevuta li jigi jikkonferma. Ghal l-anqas dan kellu jsir fejn ricevuta hija ictu oculi dubjuza jew nieqsa minn certa dettalji. Taht din il-kappa jaqghu l-ircevuti allegatament tat-tennis esebiti a fol sittax (16) li l-anqas jirrizulta minn min inhargu; u li setghu facilment jigu redatti ghal l-okkazjoni minn ktieb ta' ricevuti illi jinxtara min fuq il-bank. Ghalhjekk dawn l-ircevuti jew invoices (ghal l-anqas jirrizulta x'inhuma ser jigu skartati. Similment l-ircevuta (jew invoice) esebita a fol hamsa u ghoxrin tal-process li wiehed ma jafx ta' xhiex inhi jew min harigha. L-anqas jirrizulta ghal x'hiex tirreferi l-ircevuta a fol tlieta u ghoxrin tal-process. Li jider li tirreferi ghal hwejjeg, meta l-hwejjeg ma jissemmewx fost l-affarijiet li l-missier irid jikkontribwixxi ghalihom.

Il-hlasijiet l-ohra li huma l-mizati ta' l-iskola, medicina, kotba, uniformi ta' l-iskola u xi stationery, ma jidherx illi hemm kontestazzjoni dwarhom u barra minn hekk dan it-Tribunal hu tal-fhema li ghandhom jigu akkolti.

Ghalhekk minn l-ammont mitlub ghandhom jitnaqqasu nofs l-ispejjes li jidrhu fid-dokumenti esebiti a fol sittax (16), hamsa u ghoxrin (25) u tlieta u ghoxrin (23) tal-proces, li in toto jammontaw ghal €535.73; u ghalhekk in-nofs taghhom jammonta ghal €267.87.

Imnaqqsa din is-somma minn l-ammmont mitlub jifdal bilanc x'jithallas a favur ta' l-attrici fis-somma ta' €1164.13.

Illi dwar l-imghaxijiet jirrizulta illi l-konvenut ma kellux raguni ghalfejn ma jhallasx dak li ma kienx kontestat u dak illi attwalment jirrispekkja l-ovvju. Ghaldaqstant fuq is-somma imsemmija ghandhom jiddekorru imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz. L-imghaxijiet ma jistghux jiddekorru mid-data ta' l-ittra ufficcjali msemmija fl-avviz, ghaliex fl-ewwel lok din ma hix notifikata, u barra minn hekk din l-anqas giet esebita fl-

atti. Ghal din l-ahhar raguni l-anqas tista tigi akkolta t-talba ghal hlas ta' din l-ittra ufficcjali.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' in parti t-talbiet attrici u jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut fis-sens kif fuq spjegat; jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf mija u erbgha u sittin Ewro u tlettax il-centezmu (€1164.13). Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz l-quddiem. L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu kwantu ghal tlett kwari mill-konvenut u kwart minn l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------